

# L-Artist Michael Camilleri Cauchi

Michael Camilleri Cauchi huwa l-iżgħar wild minn sitt aħwa tal-iskultur magħruf Għawdxi Kommandatur Kavallier Wistin Camilleri u Franġiska mwielda Cauchi. Twieled ir-Rabat Għawdex fit-3 ta' Frar 1951. Is-snin ta' tfulitu u żgħożitu osservaw is-sengħa tal-arti mikxufa u mneżżgħa mingħajr ebda sigriet quddiem għajnejh fil-bottega ta' missieru. Kienu snin li offrew lil dan l-artist kull tagħlim u esperjenza li kellu bżonn sabiex jakkwista kull ċertifikat li jagħtih kull titlu artistiku. Infatti Wistin innifsu ra li ma nħasset l-ebda ħtieġa li jibgħat lil ibnu għall-ebda scholarship li kien ġie offrut. Dan għaliex faċilment seta' jkompli javvanza fil-professjonalità li diġa' kienet bdiet tidher fih ta' età bikrija, hu u jaħdem ma' artisti magħrufa sew. Michael Camilleri Cauchi ħadem mal-professur Emvin Cremona fil-proġett tat-Teatru Aurora, ma' Ġużeppi Galea fuq xogħol ta' stukku, fil-kapitelli tal-faċċata tat-Teatru Astra, mal-artist barrani John Robinson u l-iskultur Salvu Buġeja u artisti oħra kemm lokali u kemm barranin. Huma diversi x-xogħlijiet ta' missieru li fihom nistgħu nħossu sew ukoll l-idejn ta' ibnu Michael, li dan dam jaħdem ma' missieru sal-aħħar nifsijiet ta' ħajtu.

Diversi knejjes huma mogħnija b'xogħol id-dekoratur Michael Camilleri Cauchi. Il-ħidma tiegħu fil-pasta u l-iskulturar fil-ġebel nistgħu narawha fl-arkati tan-navi fis-santwarju ta' Pinu u fil-Knisja ta' Għajnsielem fost oħrajn. Dan l-artist jiġi ammirat aktar għad-dekorazzjoni elaborata fil-Knisja Konventwali ta' San Franġisk fir-Rabat Għawdex u fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala. Minn idejn dan l-artist ħarġu diversi disinni fosthom għall-gandlieri, bandalori, rakkmu u bizzilla. Insibu disinni li ġew skolpiti minnu nnifsu stess f'bankuni, niċeċ, ambone u kull armar tal-festa. Oħrajn li l-artist ħoloq f'mudelli għall-manifattura ta' xogħlijiet fil-fidda, deheb, bronż u rħam.

Aktar xogħlijiet huma l-istatwi titulari li ħadem. Fost dawn insemmu l-istatwa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur fir-raħal tal-Għasri, San Duminku fil-Birgu, San Duminku ta' Tas-Sliema,



**MICHAEL CAMILLERI CAUCHI**
***Skultur, Statwarju u Dekoratur ta' l-Arti Sagri u Profana***
***11, Triq it-Tramuntana, Nadur, Ghawdex.***
***Tel: 21553250 / 21558810***

21 ta' Settembru 2007

Jiena Michael Camilleri Cauchi ircevejt mingħand is-Soċjeta Filarmonika San Bartilmew, tal-Għargħur is-somma ta' LM 300 (tliet mitt lira Maltin) bħala parti mill-flus ta' statwa ta' San Bartilmew għal istess sede tal-imsemmija Soċjeta.
L-istatwa hija stmata li se tqum inqas minn elf lira Maltin (LM1000) jekk is-Soċjeta tieħu ħsieb tipprovdi l-materjal tad-deheb għal indoratura, kif ukoll ix-xogħol kollu tal-metall. Ix-xogħol tal-indoratura huwa nkluż fil-prezz.

***Michael Camilleri Cauchi***

Josmond Aquilina, Amaryllis, Triq Excelsior, Għargħur (President)
Tel: 21436185/ 79436185

***Il-ftehim li kien sar rigward l-istatwa bejn il-Kumitat u Michael Camilleri Cauchi***

is-Sagra Familja fil-Bidnija, ir-Ragħaj it-Tajjeb f'taċ-Ċawla fir-Rabat Għawdex, Sant'Anna fid-Dwejra u San Anton fix-Xagħra.

Ix-xogħlijiet ta' dan l-istatwarju narawhom ukoll jiddominaw fil-festi tagħna fil-pjazez u tul it-toroq prinċipali tal-irħula u l-ibliet Maltin. Bħala figuri nsibu qaddisin, appostli, anġli, profeti u figuri bibliċi. Michael Camilleri Cauchi huwa wkoll magħruf għal diversi bustijiet li jfakkru ġrajjiet storiċi u personalitajiet distinti. Ta' min isemmi l-monument f'Bormla f'għeluq il-ħamsin sena mit-tmiem tal-Gwerra.

Il-fama ta' ħilet dan l-artist xterdet ukoll barra minn xtutna, wara li kienu bosta li wrew interess u fiduċja f'dan l-artist ta' esperjenza u professjonalità. Immorru oltre minn dawk li huma kreazzjonijiet tal-opri artistiċi mill-artist innifsu u niġu wiċċ imb'wiċċ ma' restawrazzjonijiet. L-artist serju Camilleri Cauchi b'responsabiltà ibbażata fuq studju u esperjenza ġie fdat b'unur diversi restawrazzjonijiet ta' artisti kbar u magħrufa bħal Salvu Psaila, Pietru Pawl Azzopardi, Carlo Darmanin u xogħlijiet ta' missieru stess. Xogħlijiet oħra jeħduna lura għal żmien il-kavallieri fost l-oħrajn.

Għal perjodu ta' żmien, Michael Camilleri Cauchi kien ġie magħżul u nkarigat bħala għalliem fl-iskola tal-arti Wistin Camilleri f'Għajnsielem sabiex ikun ta' għajnuna lil bosta studenti f'dak li huma mudellar tat-tafal u skolpar fl-injam.

Michael huwa miżżewweġ lil Veronica u għandhom żewġt itfal: bintu Noemi li hija dotata għall-kritika tal-arti u mużiċista – talent ieħor li wirtet mingħand missierha u ibnu Adonai li qiegħed ikabbar bis-sħiħ l-unur artistiku tal-familja Camilleri Cauchi.

Fis-sempliċità u l-umiltà tiegħu, dan l-artist igawdi minn ammirazzjoni li tixraqlu tassew u dan hu dehen li jissejjaħ iben l-iskultur Wistin Camilleri. Din is-sena ġie onorat bit-titlu ta' Kavallier mal-Ordni ta' San Pietru u San Pawl.

C&G Constructions Limited
(Tal-Madliena)

Ġebel u xork antiki għall-bejgħ.
Xogħol ta' twaqqiegħ u alterazzjonijiet ta' farmhouses

Ċempel: 9949 4039 - 7949 9371